MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 2365/1996/1

**Joseph Difesa.**

**vs**

**Carmelo Micallef, Giovanni Micallef, Mario Micallef, Emanuel Micallef, Catherine Meli, Betty Caruana u b' digriet tad-19 ta' Mejju 1997 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Dr. Michelle Tabone, Ekonomu tal-Arcisqof ta' Malta Amministratur tal-Bank tal-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2008 gie kjamat in kawza l-Ufficcju Kongunt .**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta’ Lulju 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti f’din il-kawza huma l-koproprjetarji ta’ ghalqa indiviza maghrufa bhala Tal-Iskoll f’ St. John Street fil-kontrada ta’ Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur.

Illi in effetti s-sehem tal-attur minn din l-ghalqa li hu xtara minghand diversi nies kif jirrizulta minn tliet kuntratti esebiti bhala Dok “A”, “B” u “C” ilkoll redatti quddiem in-Nutar Carmel Gafa` huwa ta’ 23/24, waqt li l-konvenuti lkoll bejniethom bhala eredi ta’ Joseph Micallef ghandhom sehem ta’ 1/24 ta’ din l-istess art.

Illi l-attur ma jixtieqx jibqa’ aktar jappartjeni din l-art in komuni mal-konvenuti l-ohra.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-kontendenti li huma ko-proprjetarji tal-ghalqa msejha Tal-Iskoll f’St. John Street, Bahar ic-Caghaq fil-kontrada tal-Gharghur.

2. Tordna d-divizjoni u assenjazzjoni lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti tal-ghalqa msejha Tal-Iskoll f’St. John Street, Bahar ic-Caghaq fil-kontrada tal-Gharghur skont l-ishma tal-istess kontendenti.

3. Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-att tad-divizjoni opportun fil-gurnata, hin u lok iffissati mill-Qorti u tinnomina *oltre* kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci tal-konvenut.

Bl-ispjejez u l-konventu ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 7 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 8 sa fol. 22 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 26 ta' Frar 1997 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi din l-art kienet komproprjeta` u indiviza bejn l-eredi, u ghalhekk il-konvenuti ghad ghandhom il-jedd li jirkupraw l-istess art skont l-**artikolu 912** tal-**Kodici Civili** minn zmien xahar li jigu notifikati.

2. Illi l-art mhix kommodament divizibbli, u ghalhekk din trid, anke fl-eventwalita` divizjoni, tinbiegh in subasta, u fic-citazzjoni ma hemmx talba ghal daqstant.

Salci eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Arrigo fejn Dr. Miriam Hayman ghall-konvenut talbet li jigi kjamat fil-kawza 'Villa Mons Gonzi' liema talba ma gietx opposta u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamat fil-kawza, a spejjez provizorjament ghall-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' 'Villa Mons Gonzi' datata 22 ta' Dicembru 1997 a fol. 32 tal-process fejn eccepiet:-

1. Preliminarjament, l-"Villa Mons Gonzi" mhix ente b'personalita` guridika li tista' tissejjah fil-kawzi: l-ente hi d-Dar tal-Providenza li ghaliha jidher, f'materja gjudizjarja, bhal ghal kull ente ekklesjastiku djocesan iehor, Monsinjur Arcisqof fil-persuna tal-Ekonomu tieghu, Joseph Aquilina;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, fil-mertu, l-eccipjenti qatt ma giet infurmata li ghandha xi sehem mill-

ghalqa ndikata fic-citazzjoni u tistenna l-prova relattiva. F' kaz affirmattiv, ma jidhirx li tista' ssir komodament u minghajr diskapitu divizjoni in natura tal-ghalqa fil-kwoti tad-diversi komproprietarji u, ghalhekk, aktar jidher opportun li jsir il-bejgh tal-ghalqa in licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi percepit mill-partijiet skont il-kwota li jirrizulta li ghandhom fl-istess proprjeta`.

Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta 'Villa Mons Gonzi' a fol. 33 tal-process.

Rat in-nota tal-atturi datata 12 ta' Meju 1998 li permezz taghha esebew kopja legali tac-citazzjoni li ggib in-numru 394/98 NA fl-ismijiet "Mario Micallef et vs Joseph Difesa et" (Dok "Z") a fol 36 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Frank G. Camilleri mit-30 ta' Marzu 1998 sad-9 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta mill-21 ta' Novembru 2000 sat-8 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri mill-25 ta' Ottubru 2002 sat-28 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2006 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2006 il-Qorti nnominat bhala Perit Tekniku lill-Perit Mario Cassar biex jirrelata dwar it-talbiet attrici u jekk l-ghalqa in kwistjoni hix komodament divizibbli u jekk fil-fatt hi tigi diviza fil-porzjonijiet li jirrizultaw, a spejjez provizorjament attrici. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghas-6 ta' Dicembru 2006.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta’ Gunju 2006 a fol. 71 tal-process li biha esebixxa kopja legali ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi **“Mario Micallef et vs Joseph Difesa”** (Citaz. Numru 394/98/PS - Dok. “S”).

Rat l-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Mario Micallef et vs Joseph Difesa”** tal-20 ta’ Gunju 2006 (Citaz. Numru 394/98/PS - Dok. “S”).

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar datat 4 ta’ Dicembru 2006 u mahluf fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2007 a fol. 104 tal-process.

Rat in-nota ta’ Joseph Difesa datata 18 ta’ Jannar 2007 a fol. 98 tal-process fejn biha talab in-nomina ta’ periti addizzjonali.

Rat in-nota tal-attur li biha ressaq id-domandi lill-Perit Mario Cassar datata 2 ta’ Frar 2007 a fol. 99 tal-porcess.

Rat ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni ta’ Dr. David Camilleri datata 6 ta’ Marzu 2007 a fol. 100 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datat 25 ta’ April 2007 a fol. 118 tal-process fejn talab korrezzjoni fis-sens il-kjamat fil-kawza ikun l-Avukat Dr. Michelle Tabone, Ekonomu ta’ l-Arcisqof ta’ Malta Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklezjastivi ta’ Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza u b’digriet datat 3 ta’ Mejju 2007 il-Qorti laqghet it-talba kif jidher a fol. 119 tal-process.

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza ‘Dar tal-Providenza’ datat 25 ta’ Lulju 2007 a fol. 137 tal-process fejn il-kjamata fil-kawza talbet li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri kif indikat a fol. 138 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat in kawza Avukat Dottor Michelle Tabone, dententrici tal-karta tal-identita` numru 138371 (M), Ekonomiku tal-Arcisqof ta’ Malta Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklezjastici ta’ Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza,

datata 30 ta' Jannar 2008 a fol. 144 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi hija ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza *stante* illi ghalkemm kienet wirtet il-porzjoni tal-immobbli spettanti lil Grace Micallef mal-mewt tal-istess fl-20 ta' Marzu 1981, l-istess proprjeta` ma gietx rizervata taht l-artikolu 1 tal-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede u ghalhekk *ai termini* tal-imsemmi ftehim u tal-**Kap 358** tal-Ligijiet, din il-proprjeta` ma ghandhiex proprjeta` tal-eccipjenti kif ma kinetx proprjeta` tal-eccipjenti fil-bidu ta' din il-kawza.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza *stante* illi l-atturi messhom idderigew ruhhom kontra min kien il-proprjetarju tal-porzjoni spettanti ta' Grace Micallef fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni skont il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawza Avukat Dottor Michelle Tabone flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 145 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datat 8 ta' Novembru 2007 a fol. 147 tal-process fejn l-attur talab lill-Qorti joghgobha tordna l-kjamat fil-kawza l-Ufficcju Kongunt u peress li ma' kienx hemm opposizzjoni l-Qort b'digriet datat 26 ta' Marzu 2008 (fol.152) laqghet it-talba ghall-kjamata fil-kawza tal-Ufficcju Kongunt a spejjez provizorjament attrici.

Rat li l-Ufficju Kongunt gie debitament notifikat fis-7 ta' Marzu 2008 (*a tergo* ta' fol. 151) u fit-23 ta' Mejju 2008 (fol.155) izda ma' giet pprezentata l-ebda nota ta' eccezzjonijiet jew risposta guramentata u ghalhekk l-istess kjamata fil-kawza baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. David Camilleri ghall-attur prezenti li irrileva li l-kjamat in kawza l-Ufficcju Kongunt li l-istess baqghet kontumacji gie notifikat. Dr. David Camilleri talab jaghmel

nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u tat erbghin gurnata (40) lill-atturi biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita gha-sentenza *in difetto ostacolo* ghas-27 ta’ Novembru 2008.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 18 Awwissu 2008 a fol. 159 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-27 ta’ Novembru 2008 fejn il-Qorti ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex f’terminu ta’ tletin (30) gurnata jigu prezentati noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-konvenuti u tal-kjamati in kawza u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghas-17 ta’ Marzu 2009; u tas-26 ta’ Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Ottubru 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn jirrizulta mill-provi li effettivament l-atturi huma ko-proprjetarji ta’ 22/24 parti indiviza tal-ghalqa maghrufa bhala ta’ L-Iskoll, f’St. John’s Street, kontrada ta’ Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur.

Illi fil-fatt l-atturi akkwistaw is-sehem ta’ 21/24 indiviz mill-istess ghalqa b’kuntratt pubbliku datat 26 ta’ Settembru 1994 (Dok. “A” u “C” – annessi mac-citazzjoni attrici), u s-sehem ta’ 1/24 indiviz permezz ta’ kuntratt datat 28 ta’ Gunju 1996 (Dok. “B”).

Illi min-naha l-ohra s-sehem ta' 1/24 indiviz mill-istess immobbli kien jappartjeni lil Grace Micallef, li mietet fl-20 ta' Marzu 1981 (Dok. DP1" sa Dok. "DP 4") u halliet l-istess sehem lid-Dar tal-Providenza skont id-disposizzjoni tal-artikolu 3 tat-testment taghha datat 6 ta' Lulju 1978 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (Dok. "DP4"). Gara izda li peress li l-istess proprjeta' ma gietx riservata taht l-artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Gvern u s-Santa Sede, din ma baqghetx proprjeta tal-istess kjamata fil-kawza l-Avukat Dr. Michelle Tabone *nomine*, izda saret proprjeta' tal-Ufficju Kongunt a bazi tal-**Kap. 358.**

Illi fl-ahharnett jirrizulta li s-sitt konvenuti Carmelo, Giovanni, Mario u Emanuel Micallef u Catherine Meli u Betty Caruana, bhala eredi ta' Joseph Micallef, ghandhom flimkien bejniethom is-sehem l-iehor ta' 1/24 indiviz tal-istess ghalqa.

Illi mill-provi jirrizulta li l-arja superficjali tal-ghalqa hija ta' cirka 2,034 metri kwadri, u trid tinqasam f'porzjoni li jkollha 22/24 indiviz ta' l-istess, u zewg porzjonijiet ta' 1/24 kull wiehed, b'dan li dik tal-konvenuti trid tinqasam f'sitt porzjonijiet. Dan ifisser li s-sehem l-atturi huwa dak ta' 1,864.50 metri kwadri, mentri dawk tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawza l-Ufficju Kongunt huwa ta' 84 metri kwadri kull wiehed.

Illi kkonsidrat dan bhala fatt jirrizulta li ghalhekk il-perit tekniku ma hadimx fuq dawn is-sehemijiet imma bbaza l-kalkolazzjonijiet tieghu fuq il-premessa li l-atturi ghandhom sehem ta' 23/24 parti indiviza mill-istess ghalqa, premessa li ma hijiex korretta u b'dan li allura din il-Qorti thoss li ma tistax taddotta l-istess relazzjoni peritali peress li certament li ma hijiex korretta fattwalment u legalment.

Illi ovvjament f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti certament li ma hijiex marbuta mal-konkluzjonijiet peritali, u dan kemm ghal dak hawn premess u kemm ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dan ma jistax jigi adottat meta jidher li huwa nkorrett u l-adozzjoni tieghu tmur kontra l-konvinzjoni ta' din il-Qorti (**"Giuseppe Galea vs Jessie Borg"** (P.A.

(PS) – 28 ta' April 2003); **"Angelo Mifsud vs Anna Mifsud et"** – A. C. – 11 ta' Dicembru 1950); **"Ellul vs Brincat"** – P.A. – 20 ta' Ottubru 1877 – Vol. VIII. P. 321; **"Ebejer vs Grixti"** – A.C. - 17 ta' Marzu 1865 – Vol.III. p.292).

Illi dan johrog car mill-kuntratti esebiti u fuq imsemmija u gie wkoll affermat mir-rikors tal-kjamata in kawza datat 9 ta' Mejju 2007 (fol. 124) u wkoll in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi stess datata 18 ta' Awwissu 2008 (fol. 161) fejn jinghad car li l-atturi ghandhom biss 22/24 indiviza mill-ghalqa in kwistjoni.

Illi jirrizulta wkoll li l-kejl totali ta' 2,034 metri kwadri jinkludu l-moghija ta' 52 metru kwadru, u jekk tali ghalqa tigi kkunsidrata minghajr il-passagg jigi li l-art in kwistjoni ghandha kejl ta' 1,982.20 m.k, u sehem l-atturi huwa dak 1,817.01 mk, mentri sehem il-konvenuti Micallef huwa ta' 82.59 metri kwadri, li jrid jinqasam bejn is-sitt konvenuti ghal wiehed ta' 13.76 m.k., u s-sehem tal-Ufficju Kongunt huwa wkoll ta' 82.59 m.k. u din il-Qorti fic-cirkostanzi taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi li taht dawn l-aspetti jirrizulta li l-porzjonijiet huma zaghar wisq u mhux ekonomikament viabbli b'dan li jrendi l-istess ghalqa mhux komodament divizibbli skont il-ligi u dan skont il-principji li gew enuncjati li affermati fil-gurisprudenza nostrali nkluzi dawk fl-ismijiet **"Paul Grech et vs Lawrence Grech et"** (P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003; **"George Cassar et vs Carmen Forace et"** (P.A. (NC) – 29 ta' April 2003) u dan ghaliex jirrizulta li kull qasma f'dawk il-kwoti ndikati ttellef il-potenzjal ta' zvilupp taghha, u wkoll konsegwentement tnaqqas mill-valur tal-istess.

Illi ladarba b'hekk gie stabbilit li l-istess ghalqa ma hijiex komodament divizibbli, din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha biss fil-kuntest li tigi ordnata l-bejgh in licitazzjoni tal-ghalqa *de quo*, b'dan li mir-rikavat tal-istess, l-atturi jiehdu 22/24 minnhom, il-konvenuti Micallef is-sehem ta' 1/24 parti bejniethom, u l-kjamat fil-kawza l-Ufficju Kongunt jiiehu 1/24 l-ohra mir-rikavat tal-istess.

Illi minn dan jirrizulta li t-talba attrici sabiex issir divizjoni tal-istess ghalqa ma tistax tigi milqugha fit-termini ndikati *stante* li l-istess immobbli ma hijiex komodament divizibbli fil-kwoti indikati, pero' ghalkemm ma hemmx talba sabiex issir il-licitazzjoni, dan ma jfissirx li l-kawza tieqaf hawn **("Lilian Mizzi et vs Dr. Paul Farrugia et nomine"** – P.A. (RCP) 14 ta' Frar 2001), izda jfisser li jigu applikati id-disposizzjonijiet hawn taht indikati tal-**Kap 16** dwar il-licitazzjoni u dan peress li huwa *ormai* stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li:-

*"Quantunque nella citazione non sia stata dedotta alcuna domanda per la licitazione di un fondo, pure questa e' attualmente compresa nelle domanda relattiva alla divisione, non essendo la licitazione se non uno dei mezzi per sciogliere la communione"* **("Farrugia vs Farrugia" -** P.A. - 11 ta' Novembru 1896 - XV.602).

Illi fil-fatt dan l-insenjament gie segwit fis-sentenzi ricenti ta' dawn il-Qrati nkluza dik fl-ismijiet **"Paul Grech et vs Lawrence Grech et"** (P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003) fejn inghad li llum *"huwa accettat ukoll li t-talba ghall-qasma timplika fiha wkoll it-talba ghall-licitazzjoni meta johrog li l-gid komuni ma jistax jinqasam minghajr xkiel u hsara. B'mod partikolari, l-Qorti ghandha s-setgha li tordna l-licitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja li tkun intalalbet licitazzjoni, u dan ghaliex il-licitazzjoni m'hijiex ghajr 'modus divisionis'".* (**"Galea vs Attard"** – P.A. – 13 ta' Gunju 1958 – Vol. XLII.ii.1102; **"Meilak vs Zahra Scicluna"** – A.C. – 28 ta' Gunju 1948 – Vol. XXXIII.i.329).

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **"John Ellul et vs Vincenza Cassar et"** (P.A. (TM) – 20 ta' Marzu 2003) fejn inghad li *"kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Azzopardi vs Zammit"</u> deciza fis-16 ta' Novembru 1962, "tant il-licitazzjoni kemm id-divizjoni huma l-modi ta' cessjoni tal-komunjoni u ghalhekk, talba ghad-divizjoni tista' tigi proveduta billi tigi ordnata l-licitazzjoni u talba ghal licitazzjoni tista' tigi provveduta billi tigi ordnata d-divizjoni n-natura".*

Illi fis-sentenza **"Anthony Galea et vs George Axisa"** (P.A. (DS) – 11 ta' Gunju 2002 inghad li *"ghalkemm fic-citazzjoni ma saritx talba ghal-licitazzjoni, huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li "il-licitazzjoni in sostanza mhijiex hlief 'modus divisionis', u l-azzjoni ta' divizjoni tikkomprendi virtwalment id-domanda ghall-bejgh b'licitazzjoni – dak li jfisser illi, jekk id-divizjoni tal-haga ma tkunx tista' ssir komodament, il-bejgh b'licitazzjoni jigi ordnat bhala konsegwenza necessarja ta' l-azzjoni tad-divizjoni"* (**"Angelo Mifsud vs Anna Mifsud et"** – A.C. – 11 ta' Dicembru 1950 – Vol. XXXIV.i.307). F'dan il-kuntest it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda biss in kwantu inkonsistenti ma' dak hawn deciz.

Illi ghall-kompletezza jinghad li l-ewwel eccezzjoni tal-istess konvenuti qed tigi michuda u dan peress li jirrizulta li l-konvenuti ma ghandhomx dritt jirkupraw l-istess art minghand l-atturi skont l-**artikolu 912 tal-Kap. 16** u dan peress li dan il-punt gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet inversi **"Mario Micallef et vs Joseph Difesa"** (Citaz. Numru 394/98/PS - Dok. "S") fejn inghad li l-istess artikolu ma japplikax ghall-akkwist *da parte* tal-atturi odjerni tal-proprjeta' indikata fil-kuntratt tas-26 ta' Settembru 1994 fl-atti tan-Nutar Carmelo' Gafa u dan ghaliex tali akkwist ma kienx ta' kwota ereditarja integra intiza bhala porzjoni ta' unita` attiva u passiva li tikkomponi l-eredita` tad-*decujus*, izda biss ta' ishma indivizi minn l-ghalqa hemm indikata, b'dan li r-retratt successorju ma jistax jigi ezercitat meta c-cessjoni tabbraccja oggett determinat (**"Emanuel Schembri nomine vs Paul Camilleri et"** – A.C. – 12 ta' Gunju 2001).

Illi kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza tat-22 ta' Dicembru 2002 jinghad li l-istess illum gew sorvolati, kemm minhabba l-korrezzjonijiet rikjesti u kif ukoll minhabba dak deciz u n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess; fil-fatt fl-istess nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri gie eccepit li l-istess kjamata fil-kawza ma ghadhiex proprjetarja tas-sehem hemm indikat, u *in vista* tal-fatt li dan jirrizulta li huwa minnu, din il-Qorti tilqa' l-

eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess kjamata fil-kawza u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-kjamat fil-kawza l-Ufficcju Kongunt, u fil-waqt li tillibera lill-kjamata fil-kawza l-Avukat Dottor Michelle Tabone mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghaliex ma hemmx bzonn taghha u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-kontendenti u l-kjamata fil-kawza l-Ufficju Kongunt huma ko-proprjetarji tal-ghalqa msejha Tal-Iskoll f'St. John Street, Bahar ic-Caghaq fil-kontrada tal-Gharghur.

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-ghalqa msejha Tal-Iskoll f'St. John Street, Bahar ic-Caghaq fil-kontrada tal-Gharghur kif deskritta fl-atti ta' din il-kawza bil-valur tal-istess iffissat skont stima mahlufa li ghandu jipprepara u jipprezenta f'dawn l-atti l-Perit Mario Cassar, li qed jigi hawn nominat ghal tali skop, fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u bil-procedura ghall-bejgh fl-irkant bil-Qorti, u bid-dhul mill-imsemmi bejgh jinqasam kwantu ghall-22/24 parti favur l-attur, kwantu ghall-1/24 parti bejn il-konvenuti, u kwantu ghall-1/24 favur il-kjamat fil-kawza l-Ufficcju Kongunt.

Bl-ispejjez tal-kawza nkluzi dawk tal-istima ordnata fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza jinqasmu skont l-ishma rispettivi tal-partijiet u tal-kjamat fil-kawza l-Ufficcju Kongunt, b'dan pero' li l-ispejjez tal-kjamat fil-kawza Dr. Michelle Tabone *nomine* ghandhom jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------